

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.11.2009  
KUMM(2009)627 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**IL-PROGRAMM SAFA TAL-KOMUNITÀ EWROPEA**

**[SEC(2009) 1576 finali]**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## IL-PROGRAMM SAFA TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### Għaliex sar dan ir-rapport?

L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/36/KE jistipula li:

*“Il-Kummissjoni għandha tippubblika, kull sena, rapport dwar l-informazzjoni miġbura, disponibbli lill-pubbliku u lill-partijiet interessati tal-industrija, liema rapport ikun fih analiżi tal-informazzjoni kollha riċevuta skont l-Artikolu 5. Dik l-analiżi għandha tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem u għandha tindika jekk teżistix żieda fir-riskju għall-passiġġieri bl-ajru. Fl-analiżi, is-sors ta' din l-informazzjoni għandu jinżamm mistur.”*

Dan hu t-tielet rapport annwali li jkopri l-perjodu mill-01 Jannar sal-31 Diċembru 2008.

### 1. IL-PROGRAMM SAFA TAL-KE

#### 1.1. L-oriġini tal-programm SAFA tal-KE

Inizjalment, il-programm SAFA ġie mniedi fl-1996 mill-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC). Il-programm SAFA ma kienx imsejjes fuq bażi legali Ewropea vinkolanti, iżda fuq impenn tad-Diretturi Ġenerali tal-Istati Membri parteċipanti fil-konferenza ECAC. L-ambitu tal-ispezzjonijiet relatati ma' inġenji tal-ajru 'barranin' kien jinkludi daww l-inġenji tal-ajru li ma jintużawx jew li ma jitħaddmux taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-istat li fih issir l-ispezzjoni.

Fit-30 ta' April 2004, ġiet ippubblikata d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ta' ajruplani [inġenji tal-ajru] ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità (l-hekk imsejħa 'Direttiva SAFA'), li ħolqot obbligu legali fuq l-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu spezzjonijiet fuq ir-rampa għall-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi li jinżlu fl-ajruporti tagħhom, fejn “ajruplani tal-ajru ta' pajjiżi terzi” [inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi] tfisser inġenji tal-ajru li ma jintużawx jew li ma jitħaddmux taħt il-kontroll ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE; għalkemm id-Direttiva bl-ebda mod ma tipprojbixxi lill-Istati Membri tal-UE milli jispezzjonaw inġenji tal-ajru ta' Stati Membri tal-UE oħrajn. L-Istati Membri tal-UE ingħataw perjodu ta' sentejn biex jimplementaw din id-Direttiva permezz tal-approvazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali.

Bi qbil ma' deċiżjoni tad-Diretturi Ġenerali tal-Istati Membri parteċipanti fil-konferenza ECAC, il-kompetenza tal-programm SAFA ġiet trasferita għall-Komunità Ewropea (KE), fejn, mill-1 ta' Jannar 2007, ir-responsabbiltà tal-ġestjoni u żvilupp ulterjuri tal-**programm SAFA tal-KE** taqa' f'idejn il-Kummissjoni Ewropea meġhuna mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA). L-EASA hija aġenzija tal-Kummissjoni Ewropea bbażata f'Köln li hija responsabbli għall-ġestjoni operattiva tal-programm SAFA tal-KE f'isem l-istess Kummissjoni u b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 768/2006.

Sal-2006, kienu l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti Ċentrali (CJAA) li jimplementaw l-elementi operattivi tal-programm SAFA. Lejn tmiem l-2006, l-attivitajiet ta' koordinazzjoni

tas-SAFA, inkluża d-database ċentralizzata, ġew trasferiti mill-awtorità CJAA għall-aġenzija EASA.

Il-parteciċipazzjoni kontinwata fil-konferenza ECAC mill-istati li ma humiex membri tal-UE, fi kliem ieħor, id-dimensjoni pan-Ewropea tal-programm, ġiet żgurata bl-iffirmar ta' Arranġament ta' Kollaborazzjoni bejn kull wieħed minn dawn l-Istati individwali u l-EASA. Għalhekk, il-programm SAFA, li jinkludi l-UE-27, għandu total ta' **42 Stat Parteciċipanti** (*ara l-Appendiċi A*).

## **1.2. Il-funzjonament tal-programm SAFA tal-KE**

F'kull Stat Parteciċipanti fil-programm SAFA, l-inġenji tal-ajru (pajjiżi terzi għall-istati tal-UE jew barranin għall-istati parteciċipanti fl-ECAC li ma humiex membri tal-UE) jistgħu jkunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq ir-rampa, l-aktar dawk relatati mad-dokumenti u manwali tal-inġenji tal-ajru, liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira, il-kundizzjoni viżibbli tal-inġenji tal-ajru u l-preżenza u l-kundizzjoni tat-tagħmir obligatorju ta' sikurezza tal-kabina. Ir-referenzi għal dawn l-ispezzjonijiet huma inklużi fl-Annessi 1 (Personnel Licensing), 6 (Operations of Aircraft) u 8 (Airworthiness of Aircraft) tal-Istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

Dawn l-ispezzjonijiet isiru b'konformità ma' proċedura li hija komuni għall-Istati Parteciċipanti kollha. Ir-riżultati tagħhom jintużaw għal rapporti li jsegwu format komuni wkoll. F'każ ta' irregolaritajiet sinifikanti, jiġu kkuntattjati l-operatur u l-Awtorità rilevanti tal-Avjazzjoni (l-Istat tal-Operatur jew tar-Reġistru) sabiex jaslu għal miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu mhux biss fir-rigward tal-inġenji tal-ajru li jkunu ġew spezzjonati iżda anke fir-rigward ta' inġenji tal-ajru oħrajn li jistgħu jkunu relatati mal-każ ta' irregolarità ta' natura ġenerika. Id-dejta kollha tar-rapporti, kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet kollha u jiġu ċentralizzati f'database kompjuterizzata li tkun imwaqqfa u mmexxija mill-EASA.

L-aspetti ewlenin tal-Programm SAFA tal-KE jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej:

- l-applikazzjoni tiegħu mill-Istati parteciċipanti kollha fis-SAFA: fil-prinċipju, it-42 Stat Membru kollha tal-Istati Membri tal-UE u l-Istati parteciċipanti fl-ECAC li ma humiex Membri tal-UE li ffirmaw l-Arranġament ta' Kollaborazzjoni tal-EASA;
- it-tixrid fil-wisa' tar-riżultati tal-ispezzjonijiet SAFA fuq ir-rampa permezz tad-database ċentralizzata tas-SAFA;
- l-approċċ tiegħu minn isfel għal fuq; il-Programm huwa bbażat fuq l-ispezzjonijiet fuq ir-rampa tal-inġenji tal-ajru;
- l-attenzjoni ffukata tiegħu: l-enfażi ewlenija tiegħu fuq inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi li jtiru lejn l-UE u lejn Stati Parteciċipanti fil-programm SAFA (għalkemm l-ispezzjonijiet tas-SAFA fuq inġenji tal-ajru minn Stati Membri tal-UE jistgħu jibqgħu jisiru);
- l-għan inerenti tiegħu li jiċċekkja għall-konformità mal-Istandards tal-ICAO li huma applikabbli b'mod komuni u internazzjonalment għall-inġenji tal-ajru spezzjonati kollha.

### **1.3. L-integrazzjoni tal-Programm SAFA tal-KE fil-katina sħiħa tas-sikurezza tal-avjazzjoni**

L-esperjenza tal-ispezzjonijiet tas-SAFA li saru f'dawn l-aħħar snin turi li dawn l-ispezzjonijiet jagħtu indikazzjoni ġenerali tas-sikurezza tal-operaturi barranin. Madankollu, din l-indikazzjoni hija limitata minħabba li ma tagħtix stampa sħiħa tas-sigurtà ta' ebda inġenju tal-ajru jew operatur partikulari. Dan huwa dovut għall-fatt li waqt l-ispezzjoni, l-evalwazzjoni ta' ċerti aspetti tkun diffiċli (eż., il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ, l-istatus tan-navigabbiltà sħiħa ... eċċ.) minħabba ż-żmien limitat disponibbli biex issir l-ispezzjoni u b'konsegwenza, il-livell limitat ta' dettall possibbli waqt l-istess spezzjoni. Il-valur ta' dawk l-indikaturi ser jissaħħaħ aktar billi jiżdied ukoll il-livell ta' armonizzazzjoni tal-Istati li qed jieħdu sehem fl-eżekuzzjoni tal-ispezzjonijiet tas-SAFA.

L-evalwazzjoni sħiħa ta' inġenji tal-ajru jew operatur partikulari tista' ssir biss permezz ta' sorveljanza kontinwa mill-awtorità nazzjonali responsabbli tal-avjazzjoni ċivili (l-Istat tal-Operatur jew tar-Reġistru). B'dan il-mod, l-informazzjoni li tinkiseb mill-Programm SAFA tal-KE tkun utli:

- L-ewwelnett bħala strument ta' prevenzjoni li jgħin biex jiġu identifikati tendenzi potenzjali ta' sikurezza negattivi, fejn għadd kbir ta' sejbiet dwar operatur partikulari u/jew għadd rikorrenti tagħhom ikun indikatur tajjeb ħafna tad-dgħjufija strutturali potenzjali kemm fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwalità tal-kontroll ta' dak l-operatur kif ukoll tal-livell ta' sorveljanza tas-sikurezza li ssir mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili responsabbli tal-istat fejn dak l-operatur jiġi ċċertifikat; jistgħu jiġu identifikati wkoll tendenzi negattivi simili li għandhom x'jaqsmu ma' tipi ta' inġenji tal-ajru speċifiċi.
- B'mod aktar dirett, l-ispezzjonijiet tas-SAFA jistgħu jikkontribwixxu f'ħin reali għat-tħaddim sigur tal-inġenji tal-ajru partikulari li jkunu ġew spezzjonati, filwaqt li jġiegħlu lill-awtoritajiet responsabbli mill-ispezzjoni jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi immedjatament u qabel kwalunkwe użu ieħor ta' dawk l-inġenji tal-ajru.

Barra minn hekk, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-KE Nru 2111/2005 li jistabbilixxi lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma projbiti milli jtiru lejn it-territorju tal-KE, l-ispezzjonijiet tas-SAFA kisbu aktar importanza bħala wieħed mill-kriterji li l-Kummissjoni tikkunsidra fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha dwar l-inklużjoni ta' kumpaniji tal-ajru fil-lista Komunitarja. Fil-fatt, dan kien il-każ sa minn Marzu 2006 meta ġiet stabbilita l-ewwel lista Komunitarja u fl-aġġornamenti regolari sussegwenti tagħha.

### **1.4. L-iżvilupp tal-programm fl-2008**

Fis-16 ta' April 2008, il-Kummissjoni adottat żewġ miżuri leġiżlattivi importanti mmirati lejn tisħiħ ulterjuri tal-Programm SAFA tal-KE:

- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE li fiha l-elementi tal-qalba tal-Manwal tal-Proċeduri SAFA u li tipprovdi għal regoli armonizzati għat-tmexxija tal-ispezzjonijiet SAFA inklużi: azzjonijiet ta' segwitu, qafas ta' żmien obligatorju għar-rappurtar (15-il jum tax-xogħol) u l-komunikazzjoni obligatorja tar-riżultati tal-ispezzjoni lill-operaturi spezzjonati permezz tat-twassil ta' Prova tal-Ispezzjoni skont format komuni. Barra minn hekk, id-Direttiva msemmija tintroduċi sett

komuni ta' kriterji għall-kwalifika tal-ispetturi SAFA. L-EASA ingħatat il-mandat li tappoġġa lill-istati parteċipanti billi tiżviluppa materjal dettaljat ta' gwida konformi mal-elementi tal-qalba inkorporati fid-Direttiva.

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008 li jimplementa metodu strutturat pan-Ewropew għall-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet SAFA tar-rampa fuq suġġetti potenzjalment mhux sikuri, bil-għan li jitrawwem użu aħjar tar-riżorsi disponibbli tal-ispezzjoni.

Kif mogħtija l-inkarigu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE, l-EASA żviluppat u ħarġet Materjal ta' Gwida dettaljat għall-kwalifika tal-ispetturi tar-rampa SAFA li jistabbilixxu standards li huma komuni għall-Istati parteċipanti kollha. Il-kriterji tal-kwalifika jiffukaw fuq l-eliġibbiltà, it-taħriġ (inkluż it-taħriġ rikorrenti) u l-esperjenza tal-ispetturi. It-taħriġ tal-ispetturi għandu jsegwi s-sillabi żviluppati mill-EASA filwaqt li fornituri indipendenti tat-taħriġ għandhom ikunu kkwalifikati skont sett apposta ta' kriterji komuni.

Għadd ta' inizjattivi li bdew fl-2007 komplew fl-2008, u saru attivitajiet standard regolari taħt il-Programm SAFA tal-KE; bħar-reviżjoni ta' kwalità tar-rapporti mressqa mill-Istati parteċipanti fid-database SAFA u l-analiżi tad-database. Din l-analiżi, li ssir kull erba' xhur, tipprova tidentifika kmieni kemm jista' jkun tħassib u xejriet potenzjalment negattivi dwar is-sikurezza sabiex jiġu inidriżzati f'waqthom u qabel ma jsiru tassew theddida għas-sikurezza tal-avjazzjoni internazzjonali. Il-metodoloġija użata għal din l-analiżi ġiet irfinuta u mtejba aktar sabiex jiġi massimizzat l-użu tad-dejta SAFA disponibbli.

F'Ottubru 2008, sar aġġornament kbir tad-database SAFA li jippermetti rappurtar aħjar, appoġġ għall-monitoraġġ tal-proċess ta' prijoritizzazzjoni (stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008) u proċessi tax-xogħol imtejba. Filwaqt li jimplementa l-bidliet introdotti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE, partikolarment ir-rappurtar obligatorju ta' azzjonijiet klassi 3, l-aġġornament daħħal karatteristika ġdida li għandha l-għan li ttejjeb il-konsistenza tar-riżultati billi jintuża sett ta' riżultati deskritti min qabel, żviluppata u mmexxija mill-EASA.

Id-database SAFA ġiet ukoll irreprikata bħala ambjent tat-taħriġ operattiv għal kollox li jippermetti taħriġ Prattiku għall-utenti tagħha.

### **1.5. L-introduzzjoni ta' metodu bbażat fuq ir-riskju**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008, li għadu kemm ġie ppromulgat u li daħal fis-seħħ f'April 2008, jintroduċi l-kunċett tal-prijoritazzjoni tal-ispezzjoni SAFA minn perspettiva pan-Ewropea fejn Stati parteċipanti huma meħtieġa jipprijoritizzaw porzjon mill-ispezzjonijiet tagħhom ta' fuq ir-rampa fuq ċerti suġġetti (jew operaturi individwali identifikati bħala potenzjalment mhux sikuri jew inkella l-operaturi kollha ċertifikati f'ċertu stat). Il-lista ta' prijoritizzazzjoni titfassal mill-Kummissjoni Ewropea u tiġi aġġornata kull meta tinqala l-ħtieġa skont is-sett ta' kriterji stabbiliti skont ir-Regolament imsemmi, jiġifieri:

- informazzjoni trażmessa mill-EASA wara l-analiżi tad-database SAFA;
- informazzjoni li toħroġ mil-laqgħat tal-Kumitat għas-Sikurezza fl-Ajru
- informazzjoni li l-Kummissjoni tirċievi mill-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-operaturi mniżżla fl-Anness B tal-lista tal-Komunità ta' trasportaturi tal-ajru pprojbiti milli joperaw (stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2111/2005) kif ukoll l-operaturi l-oħra ċertifikati fl-istess stat bħal kwalunkwe operatur li jidher fl-istess ħin fil-lista tal-Komunità huma wkoll soġġetti għal spezzjonijiet prijoritizzati.

L-ewwel lista ta' prijoritizzazzjoni nħarġet fl-20 ta' April 2008 u ġiet sussegwentament riveduta darbtejn tul l-istess sena. Tul l-2008, minn total ta' 10,337 spezzjoni SAFA, 1,481 saru fuq suġġetti indikati fil-lista ta' prijoritizzazzjoni.

## **2. ID-DATABASE ĊENTRALIZZATA TAL-PROGRAMM SAFA**

Il-ġestjoni tad-database ċentralizzata tal-programm SAFA ilha f'idejn l-EASA sa minn Diċembru 2006, meta kienet trasferita mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti Ċentrali (CJAA) fl-Olanda lejn l-EASA f'Köln, fil-Ġermanja.

Għalkemm tinżamm u titmexxa mill-EASA, l-inklużjoni ta' rapporti fid-database tibqa' r-responsabbiltà tal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni (NAA) individwali tat-42 Stat Parteċipanti fil-programm SAFA.

Matul l-2008, l-Istati Parteċipanti fil-programm SAFA wettqu rekord ta' 10 337 spezzjoni li wasslu għal 11 298 sejba (*ara l-Appendiċi A*).

Id-dejta li tinżamm fid-database titqies bħala kunfidenzjali, fis-sens li tista' tintuża biss minn Stati Parteċipanti oħrajn u ma hijiex disponibbli għall-pubbliku ġenerali. Id-database hija aċċessibbli għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni kollha tal-Istati Parteċipanti permezz ta' konnessjoni (sigura) fuq l-internet.

## **3. L-ASPETTI TAL-ISPEZZJONI**

Skont 'id-Direttiva SAFA' ajruplan suspettat b'nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali (abbażi ta', pereżempju, analiżi regolari tad-database mill-EASA) għandu jiġi spezzjonat bi prijorità mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-ispezzjonijiet fuq ir-rampa jistgħu jsiru billi tintuża proċedura ta' verifika fuq il-post.

L-ispezzjonijiet jistgħu jiffokaw fuq ħames aspetti:

- (1) Stat tal-Operatur speċifiku (verifika tal-operaturi minn Stat Membru partikolari);
- (2) Tip speċifiku ta' inġenju tal-ajru;
- (3) Natura speċifika tal-operazzjonijiet (skedati, mhux skedati, ta' merkanzija, eċċ);
- (4) operatur speċifiku ta' pajjiż terz;
- (5) Inġenji tal-ajru speċifiċi li jkunu identifikati mill-marka ta' reġistrazzjoni tagħhom.

L-Appendiċijiet B, C u D jelenkaw l-istati tal-operaturi, it-tipi tal-inġenji tal-ajru u l-operaturi spezzjonati matul is-sena 2008. Dawn l-Appendiċi jenfasizzaw l-ambitu wiesa' tal-Programm SAFA tal-KE u n-natura mhux diskriminatorja tal-applikazzjoni tiegħu.

It-tabella ta' hawn taħt, li tiġbor l-informazzjoni fl-Appendiċijiet u tagħti dehra ġenerali tal-attivitajiet, hija wkoll turija ta' kif it-tħaddim tal-Programm miexi ħarir.

Għalkemm l-obbligu ewlieni tal-Istati Membri tal-UE skont id-'Direttiva SAFA' huwa l-ispezzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi li jinżlu fl-ajruporti tal-UE, anke l-inġenji tal-ajru ta' Operaturi tal-UE jibqgħu soġġetti għall-ispezzjonijiet. Din it-tabella turi r-riżultati:

<b>Spezzjonijiet</b>	10,337 spezzjoni...
<b>Sikurezza tal-</b>	..fuq 1 067 operatur differenti...
<b>Stat tal-Operatur</b>	...minn 131 Stat...
<b>It-tip ta' inġenji tal-ajru</b>	...li joperaw 220 (sub)tip differenti ta' inġenji tal-ajru

Sadanittant, it-tabella ta' hawn taħt tixhed il-fatt li l-maġġoranza kbira tat-titjiriet kollha fl-Istati Membri tal-UE jsiru minn operaturi tal-UE u li b'mod ġenerali, l-Istati parteċipanti fil-programm SAFA kienu għadhom qed jużaw l-istess kriterji usa' tal-Programm SAFA ta' qabel li kien immexxi mill-ECAC.

	<b>Spezzjonijiet fuq l-UE Operaturi</b>	<b>Spezzjonijiet fuq Operaturi mhux tal-UE</b>
<b>2008</b>	5,879	4,458
<b>Persentaġġ</b>	56.87%	43.13%

Tul l-2008, minn total ta' 10,337 spezzjoni mwettqa minn Stati Membri tal-EU, 9 040 saru fuq suġġetti indikati fil-lista ta' prijoritizzazzjoni. 42.7% (3,857) saru fuq operaturi ċertifikati f'pajjiżi terzi (mhux tal-UE), filwaqt li s-57.3% li jifdal (5,183) saru fuq operaturi tal-UE. Fl-2008, operaturi minn pajjiżi terzi wettqu madwar 700,000 inżul f'ajruporti tal-Komunità, li jimplika rata ta' spezzjoni (Nru. ta' spezzjonijiet/Nru. ta' nżul) ta' madwar 0.5% (i.e. 5 ispezzjonijiet għal kull 1,000 nżul) L-inżul ta' operaturi tal-UE fi stat ieħor tal-UE (għajr dak responsabli għas-superviżjoni tas-sikurezza tagħhom) ammontaw għal aktar minn 2,900,000; li jimplika rata ta' spezzjoni ta' 0.17% għall-operaturi tal-UE.

#### **4. IR-RIŻULTATI EWLENIN TAL-ISPEZZJONIJIET TAL-PROGRAMM SAFA**

##### **4.1. Riżultati tal-ispezzjoni, b'mod ġenerali**

L-ewwel punt fir-rigward tas-sejbiet, li huma devjazzjonijiet mill-Istandards tal-ICAO, huwa l-approċċ kwantitattiv. Dan l-approċċ iqabbel l-għadd totali ta' sejbiet (S) mal-għadd totali ta' spezzjonijiet (Sp) u l-punti spezzjonati (PS).

Waqt l-ispezzjoni, tintuża lista ta' kontroll magħmula minn 54 punt spezzjonat differenti. Fil-maġġoranza tal-każijiet, waqt l-ispezzjoni ma jsirx kontroll tal-punti kollha minħabba li l-ħin bejn il-wasla u t-tluq tal-inġenji tal-ajru ma jkunx twil biżżejjed biex jippermetti spezzjoni sħiħa. Għaldaqstant, ir-relazzjoni bejn l-għadd totali ta' sejbiet u l-għadd totali ta' punti



spezzjonati tista' tfihem b'mod aħjar milli jfihem proporzjon imsejjes fuq l-għadd ta' spezzjonijiet biss. Ir-riżultati huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

	<b>Perjodu</b>	
	<b>L-01 ta' Jannar 2008</b>	<b>il-31 ta' Diċembru 2008</b>
<b>Għadd Totali ta' Spezzjonijiet (Sp)</b>	10,337	–
<b>Għadd Totali ta' Punti Spezzjonati (PS)</b>	358,046	
<b>Għadd Totali ta' Sejbiet (S)</b>	11,298	
<b>Għadd medju ta' Punti Spezzjonati matul Spezzjoni</b>	34.64	
<b>Sejbiet/Spezzjonijiet (S/Sp)</b>	1.093	
<b>Sejbiet/Punti Spezzjonati (S/PS)</b>	0.0315	

## 4.2. Sejbiet tal-ispezzjonijiet u l-kategoriji tagħhom


Mhux l-għadd assolut tas-sejbiet mill-ispezzjonijiet biss għandu jiġi kkunsidrat, iżda anke l-“gravità” tagħhom. Għal dan il-għan, ġew definiti tliet kategoriji ta’ sejbiet. Sejba tal-“Kategorija 1” tissejjaħ sejba ta’ importanza sekondarja; Sejba tal-“Kategorija 2” hija waħda sinifikanti filwaqt li dik tal-“Kategorija 3” titqies ta’ importanza fundamentali. It-termini “sekondarja”, “sinifikanti” u “fundamentali” huma marbuta mal-livell ta’ devjazzjoni mill-Istandard tal-ICAO. L-għan ewlieni tal-kategorizzazzjoni tas-sejbiet huwa li tikklassifika l-konformità ma’ standard u l-importanza tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dak l-istandard.

L-ispezzjonijiet u l-kategoriji tas-sejbiet jiġu rreġistrati fid-database u r-risultati jidhru fit-tabella ta’ hawn taħt.


Sena	Għadd ta’ spezzjonijiet (Sp)	Għadd ta’ sejbiet (S)				Proporzjon tas-sejbiet (Scat./Sp)			
		Kat. 1 (minuri)	Kat. 2 (sinifikanti)	Kat. 3 (maġġuri)	totali	S kat.1 / Sp	S kat.2 / Sp	S kat.3 / Sp	S totali / Sp
2008	10337	4661	4551	2086	11298	0,451	0,440	0,202	1.093
		41,26%	40,28%	18,46%	100.00%				

## 4.3. Ħarsa Ġenerali Storika

	Sena													Total 1996-2008
	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	
Għadd Totali ta’ Spezzjonijiet (Sp)	75	1748	2767	2833	2394	2706	3234	3413	4568	5457	7458	8594	10337	55584
Għadd Totali ta’ Punti Spezzjonati (PS)	1675	31413	88400	95524	80454	82935	93681	100014	148850	181440	260524	300035	358046	1822991
Għadd Totali ta’ Sejbiet (S)	212	1951	2573	2631	2587	2851	3064	3242	6799	8492	12481	12073	11298	70254
Sejbiet/Spezzjonijiet (S/Sp)	2.8267	1.1161	0.9299	0.9287	1.0806	1.0536	0.9474	0.9499	1.4884	1.5562	1.6704	1.405	1.093	1.264
Sejbiet/Punti Spezzjonati (S/PS)	0.127	0.062	0.029	0.028	0.032	0.034	0.033	0.032	0.046	0.047	0.048	0.040	0.032	0.039



**In-Nru. ta' spezzjonijiet tas-SAFA mill-bidu tal-Programm fl-1996**



**In-numru medju ta' sejbiet għal kull spezzjoni (1996-2008)**

#### 4.4. Sejbiet tal-ispezzjonijiet fuq bażi reġjonali

Reġjun	Għadd ta' Stati spezzjonati	Għadd ta' Operaturi spezzjonati	Spezzjonijiet (Sp)	Għadd ta' sejbiet (S)				Proporzjon tas-sejbiet (Skat./Sp)			
				Kat. 1 (minuri)	Kat. 2 (sinifikanti)	Kat. 3 (maġġuri)	Totall	S kat.1 / Sp	S kat.2 / Sp	S kat.3 / Sp	S totali / Sp
UE (27) <sup>1</sup>	27	532	5,879	2,293	2,103	849	5,245	0.390	0.358	0.144	0.892
Ewropa (ECAC) <sup>2</sup>	43	665	7,330	2,973	2,764	1,140	6,877	0.406	0.377	0.155	0.938
Il-Federazzjoni Russa, il-Belarus u l-Asja Ċentrali <sup>3</sup>	7	92	905	410	489	244	1,143	0.453	0.540	0.270	1.263
L-Amerika ta' Fuq <sup>4</sup>	3	88	456	259	203	132	594	0.568	0.445	0.289	1.303
L-Amerika Latina u l-Karibew <sup>5</sup>	21	46	163	112	153	74	339	0.687	0.939	0.454	2.080
Il-Lvant Nofsani u l-Afrika tat-Tramuntana <sup>6</sup>	17	78	998	577	586	300	1,463	0.578	0.587	0.301	1.466

<sup>1</sup> L-UE - l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

<sup>2</sup> ECAC – l-Albanija, l-Armenja, l-Awstrija, l-Ażerbajġan, il-Belġju, il-Bożnja u Herżegovina, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġeorgja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Malta, ir-Repubblika tal-Moldova, Monako, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Serbja, il-Montenegro, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukraina, ir-Renju Unit.

<sup>3</sup> Il-Federazzjoni Russa, il-Belarus u l-Ażja Ċentrali – il-Belarus, il-Każakstan, il-Kirgistan, il-Federazzjoni Russa, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Użbekistan

<sup>4</sup> L-Amerika ta' Fuq (NA) – il-Bermuda, il-Kanada, l-Istati Uniti tal-Amerika


<sup>5</sup> L-Amerika Latina u l-Karibew (LAC) – Antigwa u Barbuda, l-Arġentina, Aruba, il-Bahamas, il-Barbados, il-Belize, il-Bolivja, il-Brażil, il-Gżejjer Cayman, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kosta Rika, Kuba, ir-Repubblika Domenikana, l-Ekwador, El Salvador, Grenada, il-Gwatemala, il-Gujana, Haiti, il-Honduras, il-Ġamajka, il-Messiku, l-Antilli Olandiżi, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, Puerto Rico, San Kristofru u Nevis, Santa Luċija, San Vinċenz u l-Grenadini, is-Surinam, Trinidad u Tobago, il-Gżejjer Turks u Caicos, l-Urugwaj, il-Venezwela (ir-Repubblika Bolivarjana ta')

<sup>6</sup> Il-Lvant Nofsani u l-Afrika tat-Tramuntana (MENA) – l-Alġerija, il-Baħrejn, l-Eġittu, l-Iran (ir-Repubblika Iżlamika ta'), l-Iraq, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Kuwajt, il-Libanu, il-Ġamaharja Għarbija Libjana, il-Marokk, l-Oman, il-Qatar, l-Għarabja Sawdija, is-Sudan, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, it-Tuneżija, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Jemen

L-Afrika <sup>7</sup>	20	41	192	169	190	112	471	0.880	0.990	0.583	2.453
L-Ażja, <sup>8</sup>	16	41	260	158	151	77	386	0.608	0.581	0.296	1.485
L-Oċeanja: <sup>9</sup>	4	16	32	3	15	7	25	0.094	0.469	0.219	0.781
Il-Medja/l-Istati kollha								0.451	0.440	0.202	1.093

Minn din it-tabella, wieħed jista' jinnota li:

- Fil-każ tal-operaturi minn Stati tal-UE, tal-ECAC, u tal-Oċeanja, l-għadd ta' sejbiet tagħhom għal kull spezzjoni huwa inqas mill-medja.
- Fil-każ tal-operaturi mill-Afrika, il-Federazzjoni Russa, il-Belarus u l-grupp tal-Ażja Ċentrali flimkien mal-Istati tal-Ażja, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, l-għadd ta' sejbiet tagħhom għal kull spezzjoni huwa ikbar mill-medja.



<sup>7</sup> L-Afrika (AFR) – l-Angola, il-Benin, il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, il-Kap Verde, ir-Repubblika tal-Afrika Ċentrali, iċ-Ċad, il-Komoros, il-Kongo, il-Côte d'Ivoire, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ġibuti, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Gabon, il-Gambja, il-Gana, il-Ginea, il-Ginea-Bissaw, il-Kenja, il-Lesoto, il-Liberja, il-Madagaskar, il-Malawi, il-Mali, il-Mawritanja, il-Mawrizju, il-Mozambik, in-Namibja, in-Niġer, in-Niġerja, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sjerra Leone, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, is-Swaziland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, iż-Żambja, iż-Żimbabwe

<sup>8</sup> L-Ażja (AS) – l-Afganistan, il-Bangladexx, il-Butan, il-Brunej Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, Hong Kong (ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ċina), l-Indja, l-Indoneżja, il-Ġappun, ir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos, il-Malajja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Mjanmar, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, ir-Repubblika tal-Korea, Singapor, Sri Lanka, it-Tajwan, it-Tajlandja, Timor tal-Lvant, il-Vjetnam

<sup>9</sup> L-Oċeanja (OC) – l-Awstralja, il-Fiġi, Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Mikroneżja (l-Istati Federali ta'), Nauru, New Zealand, Palaw, il-Papua Ginea l-Ġdida, Samoa, il-Gżejjer Solomon, Tonga, Tuvalu, Vanuwatu

L-evoluzzjoni fuq ħames snin turi l-għadd medju ta' sejbiet (għal kull spezzjoni) naqas għal kważi kull reġjun ġeografiku, partikolarment għall-operaturi liċenzjati fil-Federazzjoni Russa, il-Belarus u l-istati tal-Ażja Ċentrali (CIS). L-unika eċċezzjonijiet huma l-Amerika Latina u l-Karibew: (LAC)

## Distribuzzjoni skont ir-reġjuni tal-ICAO

Reġjun	Għadd ta' Stati spezzjonati	Għadd ta' Operaturi spezzjonati	Spezzjonijiet (Sp)	Għadd ta' sejbiet (S)				Proporzjon tas-sejbiet (Skat./Sp)			
				Kat. 1 (minuri)	Kat. 2 (sinifikanti)	Kat. 3 (maġġuri)	Total	S kat.1 / Sp	S kat.2 / Sp	S kat.3 / Sp	S totali / Sp
APAC <sup>10</sup>	18	55	271	153	159	79	391	0,565	0,587	0,292	1,443
ESAF <sup>11</sup>	9	25	131	95	126	75	296	0,725	0,962	0,573	2,260
EUR/NAT <sup>12</sup>	56	773	8580	3607	3477	1483	8567	0,420	0,405	0,173	0,998
MID <sup>13</sup>	17	71	726	374	387	217	978	0,515	0,533	0,299	1,347
NACC <sup>14</sup>	10	107	489	284	253	165	702	0,581	0,517	0,337	1,436
SAM <sup>15</sup>	10	20	79	74	85	30	189	0,937	1,076	0,380	2,392
WACAF <sup>16</sup>	11	16	61	74	64	37	175	1,213	1,049	0,607	2,869

<sup>10</sup> APAC – ir-Reġjun tal-Ażja u l-Oċean Paċifiku tal-ICAO: l-Awstralja, il-Bangladexx, il-Bhutan, il-Brunej Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina (inklużi Hong Kong u l-Makaw), il-Gżejjer Cook, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, il-Fiġi, l-Indja, l-Indoneżja, il-Ġappun, Kiribati, ir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos, il-Malażja, il-Maldivi, il-Gżejjer Marshall, il-Mikroneżja, il-Mongolja, il-Mjanmar, Nawru, in-Nepal, New Zealand, Palw, il-Papwa Ginea l-Ġdida, il-Filippini, ir-Repubblika tal-Korea, Samoa, Singapor, il-Gżejjer Solomon, Sri Lanka, it-Tajlandja, Tonga, Vanwatu, il-Vjetnam.

<sup>11</sup> L-ESAF – ir-Reġjun tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinar tal-ICAO: l-Angola, il-Botswana, il-Komoros, Ġibuti, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Kenja, il-Lezoto, il-Madagaskar, il-Malawi, il-Mawrizju, il-Możambik, in-Namibja, ir-Rwanda, is-Seychelles, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, is-Swaziland, l-Uganda, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, iż-Żambja, iż-Żimbabwe.

<sup>12</sup> EUR/NAT – ir-Reġjun tal-Ewropa u tat-Tramuntana tal-Oċean Atlantiku tal-ICAO: l-Albanija, l-Alġerija, Andorra, l-Armenja, l-Awstrija, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Belġju, il-Bożnja u Herzegovina, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġeorġja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Kazakistan, il-Kirgistan, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, Monako, il-Marokk, l-Olanda (inkluż l-Antilli Olandiżi), in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika tal-Moldova, ir-Rumanija, il-Federazzjoni Russa, San Marino, is-Serbja, il-Montenegro, l-Islovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, it-Taġikistan, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-Tuneżija, it-Turkija, it-Turkmenistan, l-Ukraina, ir-Renju Unit (inklużi l-Gżejjer Cayman, Bermuda), l-Uzbekistan.

<sup>13</sup> MID – ir-Reġjun tal-Lvant Nofsani tal-ICAO: l-Afganistan, il-Baħrejn, Ċipru, l-Eġittu, l-Iran, l-Iraq, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Kuwajt, il-Libanu, il-Ġamaharja Għarbija Libjana, l-Oman, il-Pakistan, il-Qatar, l-Għarabja Sawdija, is-Sudan, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Jemen

<sup>14</sup> NACC – ir-Reġjun tal-Amerika ta' Fuq, l-Amerika Ċentrali u l-Karibew tal-ICAO: Antigwa u Barbuda, il-Bahamas, il-Barbados, il-Belize, il-Kanada, il-Kosta Rika, Kuba, ir-Repubblika Domenikana, El Salvador, Grenada, il-Gwatemala, il-Haiti, il-Honduras, il-Ġamajka, il-Messiku, in-Nikaragwa, San Kristofru u Nevis, Santa Luċija, San Vinċenz u l-Grenadini, Trinidad u Tobago, l-Istati Uniti tal-Amerika.


<sup>15</sup> SAM – ir-Reġjun tal-Amerika t'Isfel tal-ICAO: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Gujana, il-Panama, il-Paragwaj, il-Peru, is-Surinam, l-Urugwaj, il-Venezwela.

<sup>16</sup> WACAF – ir-Reġjun tal-Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali tal-ICAO: il-Benin, il-Burkina Faso, il-Kamerun, il-Kap Verde, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, iċ-Ċad, il-Kongo, Il-Côte d'Ivoire, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Ginea Ekwatorjali, il-Gabon, il-Gambja, il-Gana, il-Ginea, il-

I-Istati Kollha	131	1067	10337	4661	4551	2086	11298	0,451	0,440	0,202	1,093
-----------------	-----	------	-------	------	------	------	-------	-------	-------	-------	-------

Minn din it-tabella, wieħed jista' jinnota li:

- Fil-każ tal-operaturi minn Stati tal-EUR/NAT, l-għadd ta' sejbiet tagħhom għal kull spezzjoni huwa inqas mill-medja.
- Fil-każ tal-operaturi minn Stati tal-MID, SAM, WACAF, APAC u l-ESAF, l-għadd ta' sejbiet tagħhom għal kull spezzjoni huwa ikbar mill-medja.



Din il-grafika turi li għar-reġjuni tan-NACC, ir-reġjun APAC, in-numru medju ta' sejbiet (in-numru totali ta' sejbiet/ in-numru totali ta' spezzjonijiet) ġie miżmum f'livell kostanti. Iċ-ċifri tar-reġjuni tal-EUR/NAT, MID, WACAF tjebeu, filwaqt li r-reġjuni ESAF, SAM juru żieda tal-medja li tmur kontra l-iżviluppi pożittivi tas-sena l-oħra.

### Paragun bejn l-UE , l-ECAC u l-bqija tad-dinja

Reġjun	Għadd ta' Stati spezzjonati	Għadd ta' Operaturi spezzjonati	Spezzjonijiet (Sp)	Għadd ta' sejbiet (S)				Proporzjon tas-sejbiet (Skat./Sp)			
				Kat. 1 (minuri)	Kat. 2 (sinifikanti)	Kat. 3 (maġġuri)	Total	S kat.1 / Sp	S kat.2 / Sp	S kat.3 / Sp	S totali / Sp
UE	27	532	5879	2293	2103	849	5245	0,390	0,358	0,144	0,892
Il-bqija tal-EWROPA	16	133	1452	680	661	291	1632	0,468	0,455	0,200	1,124

Ginea-Bassaw, il-Liberja, il-Mali, il-Mawritanja, in-Niġer, in-Niġerja, Sao Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Sjerra Leone, it-Togo.



(Stati tal-ECAC mhux membri tal-UE)											
EWROPA (ECAC)	43	665	7330	2973	2764	1140	6877	0,406	0,377	0,155	0,938
Stati mhux membri tal-UE	104	535	4458	2368	2448	1237	6053	0,531	0,549	0,277	1,358
l-Istati Kollha	131	1067	10337	4661	4551	2086	11298	0,451	0,440	0,202	1,093

#### 4.5. Sejbiet ta' spezzjonijiet relatati ma' punti tal-lista ta' kontroll

L-Appendiċi F juri r-riżultati għal kull punt ta' spezzjoni individwali (PSI) li ġie spezzjonat. Dan l-Appendiċi jindika l-għadd tad-drabi li xi punt ta' spezzjoni partikulari ġie kkontrollat, l-għadd ta' sejbiet u l-proporzjon S/PSI. L-Appendiċi G juri t-tqassim tas-sejbiet għas-sena 2008 skont il-kategoriji.

#### 4.6. L-aktar 3 sejbiet ta' spezzjonijiet sinifikanti u importanti relatati mal-punti tal-lista ta' kontroll

Il-lista ta' kontroll tal-ispezzjoni hija magħmula minn erba' partijiet importanti. Il-Parti A tikkonċerna punti li ssirilhom spezzjoni fil-kabina tal-pilota tal-inġenju tal-ajru. Il-Parti B tal-lista ta' kontroll tikkonċerna punti li ssirilhom spezzjoni fil-kabina (tal-passiġġieri), u tikkonsisti l-aktar minn tagħmir ta' sigurtà. Il-Parti C tikkonċerna l-kundizzjoni teknika ġenerali tal-inġenji tal-ajru li l-kontroll tagħha għandu jsir permezz ta' spezzjoni viżwali fuq il-post. Il-punti tal-lista ta' kontroll tal-Parti D jikkonċernaw il-kompartiment tat-tagħbija tal-inġenji tal-ajru u t-tagħbija li tinġarr.

Kwalunkwe sejbiet ġenerali li ma humiex koperti mill-Partijiet A, B, C jew D jistgħu jiddaħħlu fil-Parti E (ġenerali) tal-lista ta' kontroll.

Waqt il-valutazzjoni tas-sejbiet stabbiliti mill-ispezzjonijiet tal-programm SAFA, f'każ li tkun meħtieġa rettifika, is-sejbiet tal-Kategorija 2 (sinifikanti) u tal-Kategorija 3 (maġġuri) għandhom jingħataw prijorità. Għal kull parti tal-lista ta' kontroll, l-ewwel 3 sejbiet tal-Kategoriji 2 u 3 li jikkonċernaw l-għadd ta' spezzjonijiet jidhru fit-tabelli ta' taħt l-Appendiċi D u E.

### 5. AZZJONIJIET MEĦUDA WARA L-ISPEZZJONIJIET FUQ IR-RAMPA

Abbażi tal-kategorija, l-għadd u n-natura tas-sejbiet, jistgħu jittieħdu diversi azzjonijiet.

Jekk is-sejbiet jindikaw li s-sigurtà tal-inġenji tal-ajru hija mdgħajfa, ikun meħtieġ li jittieħdu azzjonijiet korrettivi. Normalment, in-nuqqasijiet serji jiġu indikati lill-kaptan tal-inġenju tal-ajru biex jindirizzahom. F'xi każijiet rari, meta jkollhom raġun biex jissuspettaw li l-kaptan ma għandu l-ebda ħsieb li jieħu l-miżuri neċessarji biex jindirizza n-nuqqasijiet notifikati lill, l-ispetturi jżommu l-ajruplan milli jtir. Din il-projbizzjoni formali tat-titjira min-naħa tal-Istat ta' Spezzjoni tfisser li sakemm jittieħdu l-miżuri korrettivi neċessarji, l-inġenju tal-ajru huwa projbit milli jtir.

Tip ieħor ta' azzjonijiet huwa dak imsejjaħ "azzjonijiet korrettivi qabel l-awtorizzazzjoni tat-titjira". Qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni lill-inġenji tal-ajru biex jergħu jtiru, trid tittieħed l-azzjoni korrettiva biex jissewwew in-nuqqasijiet identifikati.

F'każijiet oħrajn, l-inġenji tal-ajru jistgħu jitħallew jitolqu taħt restrizzjonijiet operattivi. Il-każ ta' meta jkun hemm xi difett fis-siġġijiet tal-passiġġieri huwa eżempju ta' meta jistgħu japplikaw dawn it-tip ta' restrizzjonijiet. L-użu ta' dawn l-inġenji tal-ajru jkun possibbli bil-kundizzjoni li s-siġġijiet difettużi ma jintużaw mill-ebda passiġġier.

Hija prattika normali li l-kaptan tal-inġenju tal-ajru li jkun għadu kemm ġie spezzjonat jiġi mgħarraf bir-riżultati tal-ispezzjoni. Barra minn hekk, is-sejbiet tal-Kategoriji 2 u 3 jintbagħtu lill-awtorità tal-Avjazzjoni responsabbli u lill-bażi tal-oriġini tal-operatur flimkien ma' talba biex jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji ħalli n-nuqqas ma jerġax iseħħ.

Sabiex l-għanijiet tal-Programm SAFA tal-KE jintlaħqu bl-aħjar mod, importanti ħafna li tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Ċivili ta' dawk l-Istati kollha li l-operaturi u inġenji tal-ajru tagħhom kienu soġġetti għal spezzjonijiet tal-programm SAFA. Bħala parti mir-responsabbiltà tagħhom għas-sorveljanza tas-sigurtà tal-operaturi nazzjonali tagħhom skont l-istandards internazzjonali ta' sigurtà rilevanti, dawn l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Ċivili huma meħtieġa jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-azzjonijiet korrettivi sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet irrappurtati mill-ispezzjonijiet tas-SAFA.

F'xi każijiet, meta s-sejbiet jitqiesu bħala importanti, Stati Parteċipanti tas-SAFA jistgħu jiddeċiedu, b'mod individwali, li jirrevokaw il-permess ta' dħul lil dawn l-inġenji tal-ajru. Dan ifisser li dawn l-inġenji tal-ajru partikulari ma jitħallewx jinżlu fl-ajruporti ta' dan l-Istat jew itiru fl-ispazju tal-ajru tiegħu. Din il-projbizzjoni tista' titneħħa jekk l-operatur tal-inġenju tal-ajru jagħti prova li n-nuqqasijiet issewwew b'mod xieraq. Għaldaqstant, dawn ir-riperkussjonijiet relatati mal-permess ta' nżul fl-ajruport jew dħul fl-ispazju tal-ajru huma ta' natura temporanja.

Fir-rigward ta' dawn il-projbizzjonijiet u t-tneħħija sussegwenti tagħhom, dawk l-Istati Parteċipanti tal-programm SAFA li huma wkoll membri tal-Komunità Ewropea ser ikunu qed jaġixxu b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità.

	<b>Għadd ta' Spezzjonijiet</b>	<b>10,337</b>
	<b>Għadd ta' Sejbiet</b>	<b>11,298</b>
<b>L-AZZJONIJIET ADOTTATI</b>	<b>informazzjoni lill-awtorità u lill-operatur</b>	<b>3,566</b>
	<b>restrizzjoni fuq it-tħaddim tal-inġenji tal-ajru</b>	<b>109</b>
	<b>azzjonijiet korrettivi qabel l-awtorizzazzjoni tat-titjira</b>	<b>1,407</b>
	<b>inġenji tal-ajru miżmuma milli jtiru</b>	<b>14</b>

	<b>projbizzjoni immedjata tat-tħaddim</b>	<b>10*</b>
--	---	------------

\*mhux inklużi projbizzjonijiet/restrizzjonijiet operattivi imposti mill-KE skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 EC